MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Numru 23/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**JASON AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON AZZOPARDI** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Joseph u Carmen nee Muscat, imwieled l-Imtarfa nhar t-tletin ta' Lulju 1977 u joqghod 'Boathouse', hdejn it-Torri l-Abjad tal-Armier, detentur tal-karta tal-identita numru 345477M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2002 ghall-habta ta' nofs il-lejl u hamsa ikkomemtta serq ta' basket kontenenti mobilke phone tal-marka Nokia 3410 u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Annaliz Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' Annaliz Zammit.

Talli nhar s-sebgha ta' Jannar 2003 u fil-jiem ta' qabel din d-data, f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif wkoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jieghhom jew imexxihom.

Talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2003 sabiex din il-kawza trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jirregistra ammissjoni dwar l-ewwel w it-tieni akkuza addebitati fil-konfront tieghu u dan fis-seduta tat-tlieta ta' Dicembru 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kellu problema kbira ta' droga kif jirrizulta mill-atti pero jirrizulta wkoll li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-imputat beda programm ta' rihabilitazzjoni b'mod residenzjali fil-Komunita Santa Marija u fil-fatt nhar t-tlieta ta' Frar 2003, l-imputat inghata il-liberta provizorja f'din il-kawza taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jaghmel il-programm residenzjali.

Illi jirrizulta li l-imputat gie preparat biex jibda dan il-programm, sarlu l-assessment relativ mill-membri tas-Sedqa u fil-fehma taghhom kien wasal iz-zmien li jibda l-programm peress li hassew li l-imputat kien motivat bizzejjed.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 **xehed Charles Cutajar** bhala rappresentant tas-Sedqa, kif jirrizulta a fol 51 tal-atti fejn ikkonferma li l-imputat kien ilu ghaddej il-programm ghal dawn l-ahhar ghaxar xhur u li fil-fatt kien diga wasal

fl-istadju ta' semi residential. Stqarr li huwa ghandu fiducja kbira fl-imputat u fil-fatt l-imputat wkoll qed imur id-dar kull tant zmien u kull darba li jirritorna lura jehdilhom urine sample, dan jigi ezaminat ghal presenza ta' droga u kull darba jirrizulta wiehed negattiv ghal tali presenza.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti, in vista tax-xhieda mismugha, thossha sodisfatta li t-talba tal-imputat biex johrog minn din il-problema hija wahda sinciera w affidabbli u li l-isforz tieghu huwa genwin sabiex jgheleb dan l-vizzju li certament ilu fuqu ghal zmien konsiderevoli u ghalhekk thoss li ghandha taghti l-ahhar cans lil imputat qabel ma tibghatu l-habs.

**Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261( c)(f), 270, 279, 280, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat JASON AZZOPARDI hati tal-ewwel akkuza fuq ammissjoni tieghu stess u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza stante li din inghatat mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghall-ewwel akkuza u tilliberah bil-kudnizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**In oltre tordna ai termini tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-ordni originali moghti fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 fejn inghata piena karcerarja ta' sena sospiza ghal tlett snin u maghmula bis-sahha**

**tas-sub artikolu 1 tal-artikolu 28A tal-Kap 9, minflok il-perjodu operativ hemm specifikat ta' tlett snin, dan il-perjodu operativ jigi estiz effettivement ghal erbgha snin mill-lum u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija.**

**Dwar il-mutur dokument AB 1, bin-numru ta' registrazzjoni GAQ 725 esibit mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 2003, il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska tieghu peress li ghall-akkuza ta' serq li tieghu instab hati, il-Qorti ma taghtu ebda piena u ghalhekk l-konfiska ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 ma hiex tassativa.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------